

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2017 – Montel vs Il-Parlament(Kawża T-634/16) ⁽¹⁾

(“Regolamenti dwar l – ispejjeż u l – allowances tal – Membri tal – Parlament Ewropew — Allowance għal assistenza parlamentari — Irkupru ta’ somom imħallsa indebitament — Kompetenza tas – Segretarju Ġenerali — Electa una via — Drittijiet tad – difiża — Oneru tal – prova — Obbligu ta’ motivazzjoni — Aspettattivi leġittimi — Drittijiet politiċi — Ugwaljanza fit – trattament — Użu ħażin ta’ poter — Indipendenza tal – Membri — Żball ta’ fatt — Proporzjonalità”)

(2018/C 022/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Sophie Montel (Saint-Vit, Franza) (rappreżentant: G. Sauveur, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: G. Corstens u S. Seyr, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer, R. Meyer A. Jensen, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tal-24 ta' Ġunju 2016 dwar l-irkupru mingħand ir-rikorrenti ta' somma ta' EUR 77 276,42 imħallsa indebitament bħala assistenza parlamentari, tan-notifika u tal-miżuri ta' eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni li jinsabu fl-ittri tad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament tal-5 u tas-6 ta' Lulju 2016 kif ukoll tan-nota ta' debitu relatata tal-4 ta' Lulju 2016 u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex tikseb kumpens tad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba, b'mod partikolari, l-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tal-24 ta' Ġunju 2016 dwar l-irkupru mingħand Sophie Montel ta' somma ta' EUR 77 246,42 imħallsa indebitament bħala assistenza parlamentari u n-nota ta' debitu relatata tal-4 ta' Lulju 2016 huma annullati peress li huma jirrigwardaw somom imħallsa matul il-perijodu bejn Frar u April 2015.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) S. Montel, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

⁽¹⁾ ĠU C 383, 17.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2017 – Koton Mağazacılık Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO –Nadal Esteban (STYLO & KOTON)(Kawża T-687/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva STYLO & KOTON — Raġuni assoluta għal rifjut — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Assenza ta’ mala fide”)

(2018/C 022/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Koton Mağazacılık Tekstil Sanayi ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentanti: J. Güell Serra u E. Stoyanov Edissonov, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Joaquín Nadal Esteban (Alcobendas, Spanja) (rappreżentant: J. Donoso Romero, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1779/2015-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Koton Maġazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret u M. Nadal Esteban.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud
- 2) Koton Maġazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret AŞ hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 7.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2017 – Hanso Holding vs EUIPO (REAL)

(Kawża T-798/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva REAL — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Assenza ta' karattru distintiv akkwistat mill-użu — Artikolu 7(1)(b) u (c) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001”)

(2018/C 022/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hanso Holding AS (Tromsø, in-Norveġja) (rappreżentant: M. Wirtz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Settembru 2016 (Każ R 2405/2015-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi REAL bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Hanso Holding AS hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 6, 9.1.2017.